MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2010

Numru 854/2002

PULIZIJA
SPETTUR LOUISE CALLEJA
VS
*OMMISSIS A*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, *Ommissis A*, iben il-mejjet *Ommissis C* u *Ommissis D*, imwieled *ommissis*, residenti *ommissis* u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru *ommissis.*

Illi huwa akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'San Pawl il-Bahar u bi bnadi ohra, f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) B’eghmil zieni kkorrompa lil bintu *Ommissis B*, minorenni ta’ *ommissis* snin u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 203 (1) (a), (b) u (c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2) Ikkometta attentat vjolent ghall-pudur fuq bintu *Ommissis B*, minorenni ta’ *ommissis* snin u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 207 u 202 (b) u (g) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3) Bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil bintu *Ommissis B* kontra l-volonta’ taghha u dan bhala mezz biex hi tigi mgieghla taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 86 u 87 (g) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4) Fl-ahhar akkuzat li ghad li kellu l-jedd li jwiegeb lil bintu *Ommissis B*, hareg barra mill-qies u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 339 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal ta’ l-imputat fejn ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni tal-5 ta’ Marzu 2008;

Rat in-nota responsiva ta’ l-imputat tat-23 ta’ Settembru 2008;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Dr. Denise Borg, psikologa (a fol.14 et seq.) xehedet illi hija kienet rat u ezaminat lil *Ommissis B* meta din giet riferuta lilha mill-Agenzija Appogg u kienet tinghata matul tmien *sessions* meta t-tifla kien ghad ghandha *ommissis* snin. Dr. Borg sabet lil *Ommissis B*, tifla artikolata, u cioe

tuza *full sentences* u wahda li ma kelliex problemi intelletwali. Dr. Borg xehedet illi tirreferi ghall-imputat bhala “l-papa l-iehor” (ara xhieda a fol.15) u li matul l-ewwel ftit sezzjonijiet it-tifla kienet tirrepeti l-kelma ‘mahmug’ hafna drabi b’referenza ghal-papa taghha, lil ‘*bottle’* u lil oggetti ohra. Dr. Borg xehedet dwar is-sintomi li kellha din it-tifla u cioe li tqum bil-lejl, li turi certu rabja bejn il-missier biologiku taghha u tghid affarijiet bhal:

*“Weggani, biesni hawn”* (ara a fol.16)

Dr. Denise Borg kienet ta’ l-opinjoni illi sehh abbuz sesswali fuq din it-tifla kif ukoll li kien hemm certu livell ta’ *neglect*. A fol.18, Dr. Borg ikkonfermat illi t-tifla kienet konsistenti bir-rakkont taghha tul diversi sezzjonijiet. Il-Psikologa ezebit ir-rapport taghha Dok.DB (a fol.24 et. seq.) u fih tghid is-segwenti:

*“Gracie with assessed in a private clinic which is set up with specific toys, carefully chosen in order to have diagnostic and therapeutic significance. Eight session we had in total with the initial session being held together with Mr. Camenzuli and Mrs. Pulis. At no point was Ommissis B’s biological father met with during this particular assessment. Focus was mainly placed on the child and this assessment is the objective assessment soley of Ommissis B’s.”*

A fol.26, Dr. Borg, fir-rapport taghha tghid is-segwenti:

*“Ommissis B started living with the present foster parents in January 2002. Soon after she is reported to have started waking up at night and screaming. During the day she would say ‘Id-daddy pastaz. Id-daddy l-iehor, mhux Mario.’ She started referring to Mr. Camenzuli as daddy and Mrs. Camenzuli as mummy and Mr. Ommissis A as ‘id-daddy l-iehor.’ She also reported to them that he used to ‘iweggani b’subajh hawnhekk.’ (pointing to her vaginal area) and ‘kien iweggani b’dan.’ (exhibiting her index finger) Mrs. Pulis also reported that when she was washing Ommissis B, the latter used to close her legs together very tightly. Following these incidents, the foster*

*parents took her for a medical examination to the Butterfly Centre at Agenzija Appogg. Here she was assessed by Dr. Stephen Attard (31/1/2002) … Prior to this Mrs. Pulis also took her to her own family Doctor and Ommissis B was examined by him.* (ara fol.26)

"*During this time Gracie was visited by her biological father every three to four weeks and the foster carers described how the child approached him but was reluctant to go back with him. Mr. Ommissis A's behaviour reported to have included kissing Ommissis B on the lips and handling her by holding her from her sexual areas. Some of the other reports by the foster carers included, the child, saying that she was locked up in a room, descriptions given by the child of pornographic material and reports that her biological father opened her legs and pressed her vaginal area. Ommissis B said to have also told her foster carers that the milk she used to drink tasted very bad and that her biological father used to give it to her from 'there' (pointing to her vaginal area) and that he would smear white stuff on her face."* (ara fol.26)
Fir-rapport taghha, Dr. Denise Borg tkompli tghid illi t-tifla kienet irraportatilha illi l-missier bijologiku taghha "*Kien issawwatni, kien ibusli hawn, jaqq* (points to cheek) *hawnhekk ukoll. Kien jitlali daqsxejn."* (points to lips)

Fir-rapport taghha, Dr. Denise Borg tghid illi saqsiet jekk kemm-il darba tiehux gost meta l-missier naturali taghha jigi jinvistaha u l-minuri kienet wiegbet fin-negattiv il-ghaliex, "*Ghax mahmug. Ma jinhasilx u lanqas ghandu fejn jinhasel. Ma ghandux bhal dik u bhal dik."* (*points* to *toys in the room*) (ara r-rapport a fol.26)

*"Kont norqod fl-art imbaghad kont inkeccieh ghax dak lanqas ihobbni. Kien kissirli l-bieb dak. Dak lanqas ihobbni."* (ara fol.27)

Dr. Denise Borg xehedet illi r-raguni illi waslet il-minuri ghal konkluzzjoni illi l-missier naturali taghha ma jhobbiex kienet: "*Kien ipoggili l-hmieg ma' wicci."* Mitluba tghid minn fejn gab dan il-hmieg, it-tifla rrispondietha, "*Minn hemm."* (*pointing to her vaginal area.*) Mitluba tghid dan il-

hmieg x'kulur kien, it-tifla irrispondietha, "*Abjad*," u qalet illi kien qisu halib. "*Later she picked up a toy bottle containing one centimeter (1cm) of milk and I asked her if it was similar to this. She said yes but there was less then that.*" (ara fol.27)

Aktar 'il quddiem fir-rapport taghha, it-tifla rrapurtat lil psikologa:

"*Kien bit-turnavit u b'subajh idahhalhom hawn"* (*points to vaginal area)*

Dr. Denise Borg, fir-rapport taghha, ikkonstatat:

*"Ommissis B's rejection of her biological father is evident, not only to her verbal dialogue but also to her play. When asked to choose animals representing her family members, she does so and places them in the bedroom with herself next to Mrs. Pulis and Mr. Camenzuli at the bed. She then held a figure representing her biological father and said, 'Dan ma jorqodx impogguh 'l hemm,' and points to the corner of the room. When asked, why he cannot stay near her, she says, 'Jiddejjaq, iweggani, imissha.' After a while she said, 'Kien iweggani d-daddy l-iehor,' and pinched her dress in the area covering her vagina." (page 27)*

Ghaldaqstant Dr. Denise Borg kienet ikkonkludiet:

"*The above statement given by the child were consistent and she did not falter or give a different answer over seven sessions. Her report indicates that this child experience sexual abuse and the figure who was consistently prominent was that of her biological father Mr. Ommissis A."* (ara fol.28)

Dr. Denise Borg tikkonkludi wkoll:

*"Ommissis B is apprehensive of her biological father and expresses a great sense of rejection towards him. However this has to be seen in the context of her own feelings of being rejected as she often repeats, 'Ma*

*jhobbnix.’* ***Her rejection of him can easily be a consequence of her feelings and being rejected by him herself****.”* (ara fol.28)

Caroline Grech Bonnici (a fol.30), Social Worker mat-Taqsima tat-Tfal fl-Agenzija Appogg, xehedet illi l-kaz ta’ *Ommissis B* kien gie riferut lilha minn Social Worker fid-Dipartiment tal-Harsien tal-Familja, Sandra Jackson, u dana bhala konsegwenza ta’ rapport maghmul minn certu Joanne Burns li allegat li missierha, l-imputat, kien isawwat lilha u lil huha meta kienu ghadhom zghar u kienet qed tibza’ illi dan kien qed jigri wkoll ghal rigward ta’ *Ommissis B*. Joanne Burns qalet ukoll illi l-gara kienu jisimghu lil din it-tifla tibki ta’ sikwit. Fil-fatt it-taqsima kienet offriet l-ghajnuna lill-imputat, permezz ta’ servizz ta’ voluntiera u l-imputat kien deher incert jekk kienx kapaci jibqa’ jindokra din it-tifla. Fil-21 ta’ Jannar, imbaghad kienu resqu quddiemhom Mario Camenzuli, Grace Pulis, flimkien ma’ *Ommissis A* u l-imputat kien lest li jhalli lit-tifla tieghu fil-kura ta’ l-istess Mario Camenzuli u Grace Pulis:

*“U meta ddejjaqhom jergghu lura biha.”* (ara xhieda a fol.32)

Din il-koppja xtaqu jrabbu lil din it-tifla b’sistema ta’ *fostering* u beda dan il-process. Il-koppja Camenzuli u Pulis xtaqu li t-tifla tigi ezaminata minn tabib ta’ l-Agenzija, il-ghaliex kellhom dubbju serju jekk kemm-il darba missierha kienx abbuzaha u fl-24 ta’ Jannar giet invistata minn tabib li nnuttaw certu ulceri f’halq din it-tifla. **Fil-25 ta’ Jannar** gie ffirmat il-ftehim tal-*fostering*. **Fit-30 ta’ Jannar**, din it-tifla, *Ommissis B*, giet invistata minn Dr. Stephen Attard u Dr. Mariella Mangion, it-tnejn jahdmu taht l-awspicju ta’ l-Agenzija. Fl-20 ta’ Frar saret *case conference* minn Dr. Mangion u l-imputat *Ommissis A*:

*“Meta dahal biex inkellmuh, il-missier qalilna li hu stess ammetta li gieli sawwat lit-tifla. Xtaq jghidilna wkoll li peress li kienet qed izzomm ilsiena ftit ‘il barra, it-tifla, hu kien jahsibha li qed tistiednu ghas-sess. “Hu qalilna illi z-zijiet tieghu kienu anzjani sew u kienu*

*jissusspettaw illi hu kien gieli jbaghbasha…abbuz sesswali hu kien qed jifhem biha dak il-hin."*

Fit-8 ta' Mejju, Caroline Grech Bonnici xehedet illi t-tifla, *Ommissis B*, kienet giet riferuta lil Psikologa tat-tfal. Caroline Grech Bonnici xehedet illi **fis-26 ta' Gunju**, kellhom laqa' ma' Grace Pulis u t-tifla *Ommissis B* u li dakinhar it-tifla rrakkontatilhom li:

*"Missierha naturali kien jatiha tixrob certu halib qares. Lili qaltli, 'Kien jatini halib qares minn hemmhekk,' u rietni lejn il-parti taghha."* (il-parti privata taghha.) *Qaltli li mbaghad kien izelligulha ma' wiccha u qaltli wkoll illi kien jghidilha biex toqghod bilqeghdha fuqu, b'saqajh miftuhin, u jzommilha l-parti privata taghha b'idejh u jghidilha biex taqbez fuqu."* (ara xhieda a fol.34). *"Li qaltli wkoll li tiftakar, li kienet torqod fis-sodda ma' missierha naturali u meta tqum kienet tara illi fuq it-television kien ikun hemm xi ragel u mara qed jaqbzu fuq xulxin u kienet tara wkoll illi l-mara tkun arwiena mill-parti ta' fuq."* (ara xhieda a fol.34)

Caroline Grech Bonnici ezebiet Dok.CG, rapport taghha.

Rosanne Cassar (a fol.38), Social Worker ma' Child Protection, ikkonfermat illi kien gie l-imputat biex iqiegħed lit-tifla tieghu, *Ommissis B* a kura ta' terzi persuni. Illi din it-tifla kellha xi *ommissis* snin jew ftit anqas. Illi ghal daqashekk hi kellmet lis-Supervisor taghha, Maryanne Gauci. Ziedet tghid:

*"This father ried li, kwazi kwazi, jehles mit-tifla, ha nghidu hekk, at that time. That was the frist indication."* (ara a fol.40)

Rosanne Cassar xehedet illi dakinhar it-tifla kienet pjuttost zmattata u kienet liebsa biss *tracksuit*, allavolja kien dahal ix-xitwa. Rosanne Cassar qalet illi kienet regghet rat lil din it-tifla xi gimghatejn wara, izda f'dan il-hin kienet diga' hadet *over* is-Social Worker l-ohra u cioe Caroline Grech Bonnici. Rosanne Cassar xehedet illi din it-tifla kienet, "*very friendly*, *kwazi kwazi, over friendly, no bounderies at*

*all.”* (ara xhieda a fol.42) Sussegwentement Rosanne Cassar xehedet illi l-*foster mother* bdiet tghid illi t-tifla kellha xi *ulcers* f’halqha u li l-parti privata taghha kienet hamra hafna.

A fol.45, Grace Pulis, *foster mother*, ta’ *Ommissis B*, xehedet illi *Ommissis B* kienet giet tghix maghhom fl-10 ta’ Jannar u dana il-ghaliex: “K*ien tahielna d-daddy taghha.”*

Grace Pulis xehedet illi t-tifel taghha kellu *garage* u l-imputat kien imur b’xi karozzi f’dan il-*garage* u li l-*partner* taghha, Camenzuli, u rrappurtalha illi l-imputat kellu tifla zghira u li kien qed jithassarha il-ghaliex kienet tkun mitluqa tilghab fil-hmieg. Grace Pulis xehedet illi wara ftit zmien kien rega’ gie l-*partner* taghha, Camenzuli, u ssuggerielha illi jzommu din it-tifla ghal xi ftit jiem il-ghaliex kienet bla omm. Fl-10 ta’ Jannar, Grace Pulis kienet iltaqghet ma’ l-imputat, illi gabilha t-tifla taghha b’zewg basktijiet jew tlieta hwejjeg:

*“U qalilna, ‘Jekk iddejjaqkom ibghatuha lura.’”* (ara xhieda a fol.46)

Grace Pulis xehedet illi meta din it-tifla bdiet tghix ghandhom, kull darba illi kienet tahsilha u tasal biex tixxuttaha, din it-tifla kienet taghlaq saqajjha u zzommha maghluqa u ma kinitx thalliha tixxuttaha sew. Meta kienet tghidilha biex thalliha tixxuttaha, t-tifla, *Ommissis B*, kienet tghidilha illi, *“Jugani hemmhekk.”* Grace Pulis xehedet illi hemmhekk indunat illi fil-parti privata taghha, din it-tifla kellha ftit hmura, *“Kellha qisha bhal dawra tonda u rajtilha l-hmura.”* (ara xhieda a fol.47)

Grace Pulis xehedet illi wara ftit granet waqt illi hija kienet qed taghti l-banju lil din it-tifla *Ommissis B*, it-tifla qaltilha, *“Id-daddy pastaz.” “Ghidtilha x’jigifieri? Jiena. Pastaz. Hsibtha qed tghid ghal Mario nsomma. Imbaghad qaltli, ghidtilha, ‘X’jigifieri jiena pastaz?’ Ghidtilha, ‘Ghal min qed tghid? Jiena.’ Ghidtilha, ‘Ghad daddy Mario?’ ghax kienet tghidlu daddy Mario u lid-daddy taghha, jiena ghidtilha, ‘Dak xorta d-daddy tieghek.’ Ghidtilha, ‘Id-daddy*

*Ommissis A,' jiena. Jew, 'Id-daddy l-iehor,' kienet tghidlu. Qaltli, 'Le. Mhux id-daddy Mario. Id-daddy l-iehor…ghidtilha, 'Ghalfejn, jiena, jkun pastaz?' Qaltli, 'Ghax kien iweggani b'subajh jew b'sebghu,' u ghall-ewwel qiesni lanqas ridt nemmen jiena. Ghidtilha, 'X'jigifieri kien iweggak b'subajh?' Qaltli, 'Kien jafasni hemmhekk b'subajh,' u bdiet turini b'dan it-tifla* (bl-index finger)*"* (ara xhieda a fol.47)

Grace Pulis xehedet illi minn hemmhekk hija bdiet tinkwieta, haditha ghand it-tabib li assigurat li ma kienx hemm penetrazzjoni zgur, *"Qalli, 'pero' hija naqra mbaghbsa,' qalli, ghax ghandha hemm ahmar."* (ara xhieda a fol.47)

Grace Pulis xehedet illi hija kienet haditha ghand Doctor Zarb. Grace Pulis qalet ukoll illi darba ohra, wara li kienet taghta l-banju, din it-tifla kienet fuq il-mejda, faccata taghha, u qaltilha illi, *"Hekk kien jaghmilli d-daddy l-iehor." "Fethet saqajjha." " 'Kien joqghod jghidli biex niccaqlaq 'il fuq u 'l isfel,' qaltli, 'U kien iweggani.' Darba ohra qaltli li kien iweggaghha bit-turnavit."* (ara xhieda a fol.48)

Grace Pulis xehedet illi hija kienet inkwetat hafna u marret ghand Father Colin Apap u dana qabbadha ma' l-Agenzija Appogg u minn hemmhekk kienet invistat it-tifla, Dr. Mariella Mangion. Grace Pulis xehedet illi dan kien xi ghaxart ijiem wara illi bdiet tghix ghandhom din it-tifla, *Ommissis B*.

Grace Pulis xehedet illi t-tifla kellha diversi u*lcers* f'halqha tant illi kienet zzomm ilsiena sporgut minn xufftejjha u kellha lsienha minfuh, fil-fatt din id-darba kienu preskrivewlha xi mistura. Grace Pulis ikkonfermat illi kienet, sahansitra, hadulha diversi *blood tests*, din it-tifla, pero' ma rrizulta xejn serju minn dawn it-*tests*.

A fol.50, Grace Pulis xehedet illi t-tifla kienet qaltilha wkoll illi d-*daddy* l-iehor kien joqghod jara l-*films* bin-nisa u l-irgiel li joqghod jitbewsu u ma tkunx tista' torqod. Grace Pulis xehedet illi *Ommissis B* kienet qaltilha illi d-*daddy* l-iehor kien jiekol il-laham waqt li hi kienet tiehu l-ghadam u

l-gilda tat-tigiega u li missierha naturali taghha kien ibusha fuq xufftejjha, "*U toqghod tohrog ilsiena.*" Grace Pulis xehedet illi t-tifla *Ommissis B* kienet qaltilha grajja ohra illi vera kienet iddisgustatha. Dan gara waqt illi kienet qed tatiha l-*bottle* u din it-tifla kienet qaltilha kemm kien tajjeb il-halib. Grace Pulis xehedet illi hija kienet irrispondiet lil din it-tifla illi dak kien halib normali u staqsietha, *"Mela ma kontx tiehu halib tajjeb?"* Hemmhekk din it-tifla kwazi bdiet tirremetti u qaltilha illi l-halib kien ikun hazin hafna u qaltilha li ma kienx jigi mill-*fridge*, izda d-*daddy* l-iehor; *"Kien igib il-halib minn hemm taht." Minn hemmhekk u urietni fejn…qaltli, 'mid-duda.' Qaltli, 'mid-duda,' qaltli li kienet tkun fuq karta kien igibha fuq karta u jbellaghhulha ma' halqha. Imbaghad icappasielha ma' wiccha. Imbghad jitfalha l-ilma fuqha."*

Grace Pulis xehedet illi darba minnhom, waqt vista minghand il-missier naturali taghha, it-tifla qaltilha li ma kinitx ser toqghod bilqeghdha aktar fuqu il-ghaliex kien weggaghha billi ghafsilha kuxtejjha. (ara xhieda a fol.53)

Grace Pulis xehedet illi kienet ghamdet din it-tifla, kienet qeghdha tmur l-iskola u li kienet ilha ghaxar xhur u li kienet adjustjat sew maghhom. Grace Pulis xehedet illi fil-bidu, matul il-lejl, it-tifla kienet tqum tibki u meta kien jersaq jara halli jara x'gara, Mario Camenzuli, kienet tibda' timbuttah u tghid il-kliem, 'Ma rridx ma rridx. Ma rridux.' Meta kienet tibda' tkellimha Grace Pulis, it-tifla kienet tghidilha, "Hsibtu d-*daddy* l-iehor." (ara xhieda fol.54) Ghal rigward it-tornavit, Grace Pulis xehedet illi darba, waqt illi l-*partner* taghha, Mario Camenzuli, kien qed jaghmel bicca xoghol bit-tornavit, it-tifla *Ommissis B* kienet qaltlu biex inehhieh minn hemm. Meta talabha r-raguni il-ghaliex, it-tifla kienet qaltlu, "Id-daddy l-iehor kien iweggani bih…kien jaghfasuli ma hemmhekk. (mal-parti taghha)" Grace Pulis xehdet illi t-tifla *Ommissis B* kienet qaltilha li l-missier naturali taghha kien isakkarha u jhalliha tibki u li qalet ukoll illi darba minnhom waqt visita, kien hemm pupa tal-*Barbie* mnezza' u li l-imputat kien qalilha, "Nehhiha minn quddiemi ghax bhalissa sajjem…taghmilli d-deni din il-pupa."

Mario Camenzuli (a fol.58 et seq.) xehed illi huwa kien separat u kien ilu jghix ma' Grace Pulis ghal dawn l-ahhar tnax (12)-il sena. Xehed illi kien iltaqa' ma' tifla *Ommissis B* f'*garage*, fejn hu kien qed jistenna t-tiswija tal-karozza ta' missieru, meta kien iltaqa' ma' l-imputat u t-tifla tieghi. Hemmhekk, Mario Camenzuli, innotta illi din it-tifla kienet qed tigri ma' kullimkien fil-*garage* u anke tigri wara l-kelb u li l-imputat kien nervuz hafna maghha u kien imbuttaha u anke sawwatha. Mario Camenzuli xehed illi kien canfar lill-imputat u offrielu li jrabbiha hu. Mario Camenzuli xehed illi l-imputat kien qallu '*iss, taghmilli pjacir*' (fol.59). Mario Camenzuli xehed illi hu kien qal dan b'nofs cajta, izda xi jumejn wara, Kevin kien cempillu biex jghidlu illi l-imputat kien tkellem bis-serjeta' dwar il-kura tat-tifla tieghu. Ghaldaqstant Mario Camenzuli kellem lil Grace Pulis u t-tifla *Ommissis B* giet konsenjata lilhom, flimkien ma' xi tlett basktijiet hwejjeg, bil-kliem, *"U jekk iddejjaqkom gibha."* (ara xhieda a fol.59) Mario Camenzuli xehed illi huma kienu ppreparaw il-kamra ghat-tifla, izda ghall-ewwel ftit jiem, kienu ddecidew illi jraqqduha bejniethom sabiex tidra ftit u ma tkunx wahedha, izda ma' l-ewwel lejl it-tifla qamet tibki u timbottha lil Mario Camenzuli bil-kliem, "Zul, zul, zul." Imbaghad kien jixghel id-dawl u tghidlu, "*All right*," u terga' torqod. Mario Camenzuli xehed illi din ir-reazzjoni tat-tifla nkwetatu u li beda jinduna illi meta kienet tqum tibki bil-lejl, din it-tifla ma kinitx tirrejagixxi bl-istess manjiera jekk kemm-il darba Grace Pulis kienet tavvicinaha biex tara x'gara u induna illi kien hemm xi haga illi tinvolvi reazzjoni ma' irgiel. Mario Camenzuli xehed illi xi tlett ijiem wara, waqt li Grace Pulis kienet qed taghti banju lit-tifla, innutat hmura fil-parti taghha u li Grace Pulis u Mario Camenzuli kienu ddecidew li jehduha ghand it-tabib, Dotor Christopher Zarb, illi hareg ir-rizultati tieghu illi mbaghad Grace Pulis u Mario Camenzuli kienu kellmu lil Father Colin Apap dwar dana kollu, anke sabiex jghammed lil din it-tifla u dan kien ressaqhom lejn l-Appogg u sussegwentement lil Pulizija.

Meta marru ghand ta' l-Appogg, Mario Camenzuli xehed illi saru jafu illi kien hemm rapporti ta' swat fuq din it-tifla in kwistjoni u minn hemm 'il quddiem, imbaghad, din it-tifla giet invistata minn zewg tobba fi hdan l-Agenzija Appogg

u minn hemmhekk kien gie skopert l-abbuz sesswali. Mario Camenzuli xehed illi t-tifla kienet ukoll qaltilhom kliem f'dan is-sens u fil-fatt tirrakkonta kif, waqt illi Grace Pulis kienet qed taghmlilha l-*bottle*, din it-tifla kienet ikkommentat kemm kien tajjeb il-halib u li din it-tifla kienet qaltilha illi hija kienet tigi moghtija halib hazin illi kien, *"Jaqq, qares."* (ara xhieda a fol.61) Mario Camenzuli xehed illi kien irrisponda lit-tifla bil-kliem, *"Mela lanqas fridge ma kellkom?"* u li t-tifla kienet irrispondietu illi l-halib ma kienx igibu mill-*fridge* id-*daddy* l-iehor, izda, *" 'Kien igibu minn hawn,' u b'idejha, it-tifla urietna l-parti minn fejn hemm il-parti tar-ragel."* Mario Camenzuli xehed illi t-tifla kienet semmiet xi karta illi mbaghad kienet tigi, *"Imcallsa ma' wiccha."* (ara xhieda fol.61 u fol.62)

Mario Camenzuli xehed illi din it-tifla kienet ghamlet mossi b'idejjha, ta' masturbazzjoni, u kienet indikat il-parti genitali tal-missier naturali taghha. (ara fol.62) Mario Camenzuli xehed illi darba, waqt li l-imputat kien qed jinvista lit-tifla tieghu f'darhom, kien hemm pupa tal-*Barbie* tat-tifla illi kienet bla hwejjeg u l-imputat kien qallu, *"Nehhihieli minn hemm ghax taghmilli d-deni."* (ara xhieda a fol.63) Mario Camenzuli xehed illi *Ommissis B* kienet qaltilhom illi hija kienet torqod tard il-ghaliex il-missier bijologiku taghha kien joqghod jara *films* fuq it-*television* ta', *"Mara biz-zejza barra."* (ara xhieda a fol.63)

Mario Camenzuli (a fol.64) xehed ukoll dwar ir-reazzjoni mwerwra tat-tifla meta darba harget tornavit u li kienet qaltlu biex ma jsawwatiex bih u qaltlu, *" 'Id-daddy l-iehor', qaltli, 'kien jaghtini fuq hawn bih.'"* U urietu jdejha. *"Qaltli wkoll illi kien jaghmel it-turnavit ma' zaqqha."* Mario Camenzuli xehed illi t-tifla urietu illi l-missier bijologiku taghha kien jilghab b'turnavit mal-parti privata taghha. Mario Camenzuli xehed illi darba minnhom kien ha lil *Ommissis B* fil-*garage* ta' Kevin sabiex ikun jista' jaraha l-imputat u dan kien hadha fil-*garage* ta' faccata u wara li kienet irritornat, it-tifla qaltlu illi l-missier naturali taghha kien gidimha u kien ghamel immedjatament rapport lil Agenzija Appogg. Mario Camenzuli kkonferma illi kienu ffirmaw, fl-Agenzija Appogg, ghal *fostering* ta' din it-tifla u li ftit wara kien beda *psychological assessment* tat-tifla

mal-psikologa Dr. Denise Borg. Minn hemmhekk kienu marru ghand il-Pulizija, fejn l-Ispettur Louise Calleja kienet hadet il-kaz f'idejjha.

It-tifla, *Ommissis B* kienet xehedet b'*video conference*, flimkien mal-psikologa Dr. Denice Grech. L-interrogatorju ma' din it-tifla beda billi l-Qorti saqsiet lit-tifla, jekk kemm-il darba kinitx thobb il-pupa li kienet gabet maghha u wara risposta fl-affermattiv il-Qorti staqsiet lit-tifla jekk nistghux inhallu lil din il-pupa tghix mad-*daddy* l-iehor," u t-tifla rrispondiet fin-negattiv u mitluba tghid il-ghaliex, it-tifla kkonfermat b'mod enfatiku, "Ghax le." (ara xhieda a fol.80) Mitluba jekk din il-pupa tistax tghix ghand id-*daddy* Mario, *Ommissis B* wiegbet fl-affermattiv. (xhieda a fol.80) Din il-pupa kellha l-isem ta' Denise. Il-minuri, *Ommissis B* wiegbet fin-negattiv il-ghaliex "tiddejjaq" u il-ghaliex il-missier naturali taghha 'ma kienx ser jiehu hsiebha'. Mitluba tghid, jekk kemm-il darba, l-imputat kienx jatiha x'tiekol, il-minuri xehedet illi ma kien jatiha x'tiekol xejn, (ara fol.82) u li *bottles* bil-halib lanqas ma kien itiha. Il-minuri mbaghad xehedet illi hija kienet torqod mad-'*daddy* l-iehor' fis-sodda tieghu. Hija kienet tkun liebsa flokk pero' minghajr qalziet ta' taht u li missierha, l-imputat, kien ikun liebes top tal-*pygamas* pero' minghajr qalziet tal-*pygamas* u minghajr qalziet ta' taht. Il-minuri xehedet illi meta kienu jidhlu jorqdu fis-sodda ma kienux jorqdu mall-ewwel. Mitluba tghid u tispjega jekk kinitx twegga meta kienet tghix mad-*daddy* l-iehor, *Ommissis B* wiegbet fl-affermattiv (a fol.88) u mitluba tghid fejn kienet twegga, ghamlet indikazzjoni lejn il-parti genitali taghha u qalet illi d-*daddy* l-iehor kien iweggaghha b'subajh. Mitluba tghid kif kien jaghmel id-*daddy* l-iehor biex iweggaghha b'subajh, il-minuri ghamlet mossi illi gew deskritti mill-Qorti a fol.88. A fol.89, il-minuri xehedet, *"Idahhalieli subajh,"* u l-Qorti, *"Fejn idahhalielek?"* u l-minuri tghid, *"Fit-toqba."* Hawnhekk regghet ghamlet mossha lejn il-parti privata taghha. Mistoqsiha mill-Qorti, *"Kont tghidlu li kont twegga' Ommissis B?"* Xhud: *"Iva."* Qorti: *"U x'kien jghidlek?"* Xhud: *"Xejn. Kont nghidlu pastaz."* Qorti: *"Ghalhekk kont tghidlu pastaz?"* Xhud: *"Iva."* (ara xhieda a fol.89)

A fol.91, il-minuri *Ommissis B*, xehedet illi hija kienet tixrob halib fil-*bottle*. Mistoqsiha mill-Qorti minn fejn kien igib dan il-halib il-papa, *Ommissis B* xehedet, *"Minn hawn,"* u regghet ghamlet mossa lejn il-parti privata taghha. A fol.92, it-tifla xehedet illi dan il-halib kien ikun hazin u baqghet isostni illi kien ikun hazin. Mitluba mill-Qorti jekk dan il-halib kienx jigi minn gol-*fridge*, *Ommissis B* irrispondiet, *"Le, minn hawn,"* u regghet indikat il-parti privata taghha. Mitluba tghid x'kulur kien dan il-halib, il-minuri (a fol.93) xehedet illi kien kulur abjad u li kien ikun likwidu "bhal ilma" u regghet ikkonfermat illi l-papa taghha kien igibu, mhux mill-*fridge*, imma regghet indikat il-parti privata. A fol.95 sa fol.97, il-minuri *Ommissis B*, xehedet illi ma thobbx lil missier naturali taghha u li ma tridx thalli l-pupa taghha tmur tghix ghandu.

WPC 64 Connie Cauchi, kkonfermat illi fil-15 ta' Ottubru 2002 hija kienet accediet fir-residenza ta' l-imputat, b'*warrant of arrest*, u li l-imputat kien ikkowopera. Jumejn wara, kienet saret tfittxija ghal materjal pronografiku fir-residenza ta' l-imputat, u kien hu stess illi tahom kaxxa bil-*videos*. Li apparti dik il-kaxxa *videos* pornografici li kien tahom l-imputat, WPC 64 Connie Cauchi, xehedet (a fol.106) illi kienu ghamlu tfittxija u ma sabux aktar *videos* minn dawk illi tahom l-imputat. A fol.106, WPC 64 xehedet illi kien hemm zgur zewg kaxxi minn dawn il-*videos*.

Fit-tieni xhieda taghha, l-minuri, *Ommissis B*, xehedet illi ma riditx tara lid-*daddy* l-iehor, ***"Ghax dak siefer."*** (ara xhieda a fol.112) Mitluba tghid jekk l-imputat kienx jatiha x'tiekol, *Ommissis B*, irrispondiet fin-negattiv. Ikkonfermat illi kien ihalliha bil-guh, ***"Jixrob wahdu u jtini l-ghadam u l-gilda."*** (ara xhieda a fol.113) Il-minuri kkonfermat illi 'd-*daddy* l-iehor' ma kienx ibiddlilha hwejjeg u ma kienx jahsilha u li kienet taghmel il-bzonnijiet taghha wahedha. It-tifla giet mistoqsija dwar iz-zija Katarina ta' Haz-Zebbug u kkonfermat illi gieli kienet tmur ghandha izda din ma kinitx tahsilha, pero' kienet titmaghha. It-tifla xehedet illi kienet tiftakar lil Shaun u lil Joanne u li kienet tilghab maghhom. **A fol.121, il-minuri xehedet illi missierha kien jorqod bil-*pygamas*, bil-qalziet u bit-*top*.** A fol.122, il-minuri xehedet illi meta kienet tkun imqarba, l-imputat

**ma kienx jatiha *punishment* u ma kienx isawwatha**. Kompliet tikkonferma illi ma kinitx tixrob halib mill-*bottle* ghand il-missier naturali taghha.

Mitluba tghid jekk qattx kinitx twegga' ghand l-imputat, il-minuri, *Ommissis B*, xehedet illi missierha kien iweggaghha b'tornavit. Mitluba tghid x'kien jigri b'dan it-tornavit, il-minuri xehedet a fol.124, *"Kienet ticcaqlaq u nwegga'."* Mitluba tghid jekk missierha kienx jinduna li twegga', il-minuri wiegbet fl-affermattiv (ara xhieda a fol.125). A fol.126, il-minuri xehedet illi din il-grajja bit-tornavit kienet grat hafna drabi u li qatt ma qalet lil hadd fuqha u lanqas lil Katy.

Spettur Louise Calleja (a fol.132 et seq.) ikkonfermat ir-rapport ikkonfermat minn Grace Pulis u Joseph Camenzuli. Spettur Calleja xehedet dwar kif Pulis u Camenzuli saru jafu lill-imputat kif sussegwentement tahom lit-tifla tieghu biex irabbuha, kif saru *foster parents* ta' din it-tifla. Spettur Louise Calleja kkonfermat li Camenzuli u Pulis irraportaw il-kliem ta' din it-tifla fuq missierha:

> *"Id-daddy il-pastaz iweggani hemmhekk dan."* (b'referenza ghas-seba ta' idejha.)

Spettur Calleja xehedet illi Grace Pulis ghamlet rapport l-Agenzija Appogg. **Il-minuri giet ezaminata minn Dr.Stefan Attard, pero' ma sab ebda evidenza medika**. Sar ukoll *psycohological assessment* fuq it-tifla mill-Psikologa Denise Borg. Fil-15 ta' Ottubru 2003, Spettur Louise Calleja kienet investigat lill-imputat li rrilaxxa zewg stqarriji (Dok.LV a fol.137 et seq. u Dok.LV1 a fol.139 et seq.)

Fl-ewwel stqarrija (Dok.LV a fol.137 u fol.138) *Ommissis A* innega l-allegazzjonijiet ta' abbuz sesswali jew fiziku fuq bintu. Ammetta illi kellu ***films* pornografici adulti** u stqarr illi qatt ma kien ra dawn it-tip ta' *films* fil-prezenza ta' bintu, anzi qal illi kien warrabhom go kamra separata. Ammetta pero' illi darba kien sakkar lil bintu go kamra il-ghaliex kienet kisritlu xi haga.

Fit-tieni stqarrija (Dok.LV1 a fol.139 et seq.) l-imputat ikkonferma illi kien ta lit-tifla tieghu *Ommissis B* ghal *fostering* u li ffirma l-karti quddiem John Role', Camenzuli u Pulis. Stqarr illi kien ghamel dan il-ghaliex kellu bzonn jahdem biex jghix. L-imputat stqarr illi wara l-*fostering* ma kienx talab ghat-tifla lura, **izda ried jaraha darba fil-gimgha**. Mitlub jghid jekk it-tifla qatt kellha problemi medici, l-imputat stqarr illi ma kelliex u li kien hadha ghat-titqib normali tat-trabi. Dwar l-*ulcers* f'halqha, l-imputat stqarr illi dan kien sar jafu minghand Grace Pulis. Mitlub jghid kienx veru l-kumment illi ghamel huwa stess u cioe illi meta bintu kienet izzomm ilsienha 'l barra, kien iffiser ghalih stedina ghas-sess, l-imputat jinnega. Jinnega wkoll kull forma ta' abbuz sesswali fuq bintu.

WPC 64 Connie Cauchi kkonfermat is-sehem taghha fit-tfittxija li saret fid-dar ta' l-imputat, minn fejn gew elevati xi *films* pornografici.

WPC 72 Mary Rose Pulis ikkonfermat ix-xhieda ta' WPC 64 u xehedet illi kienu elevaw sitta u sittin (66) *cassettes* ta' *films* pornografici mill-kamra tas-sodda, fir-residenza ta' l-imputat.

WPC 146 Joanne Scicluna (a fol.151) ikkonfermat l-*istatements* ta' l-imputat (a fol.139)

WPC 72 Mary Rose Pulis ezebiet sitta u sittin *cassettes* (Dok.PS1 sa Dok.PS66)

Caroline Grech Bonnici, Social Worker ma' l-Agenzija Appogg, xehedet illi l-Agenzija kienet irceviet *referral* minghand it-tifla l-kbira ta' l-imputat rigwardanti l-minuri *Ommissis B* meta din **kellha sentejn u nofs** u dana stante illi kienet traskurata u allegat illi seta' kien hemm abbuz fiziku fuq din it-tifla. Sussegwentement kien gie l-imputat biex jaghti t-tifla lil *foster parents* fl-Agenzija Appogg. Wara xi jiem li t-tifla *Ommissis B* giet moghtija lil *foster parents*, l-istess *foster parents* allegaw li t-tifla kellha xi hmura fil-parti privata taghha u xi *ulcers* fuq xufftejha.

Dr. Zarb, tabib tal-familja, kien sab illi **l-vulva ta' din it-tifla kienet iffjammatha pero' ma kienx hemm sinjali ta' penetrazzjoni.**

Caroline Bonnici xehedet illi kienet kellmet lit-tifla **fil-prezenza ta' Grace Pulis** stante l-eta' tenera taghha u l-fatt illi kienet ghadha kemm bdiet tghix ma' *foster family* gdida. Caroline Bonnici kkonfermat l-allegazzjoni ta' abbuz sesswali da parti ta' l-imputat fuq it-tifla li kien jikkonsisti fi:

*"Li jtiha halib qares minn hemm isfel u ppuntant b'subajha biex tixorbu, imbaghad izelligulha ma' wiccha; ipoggi jdejh mal-parti taghha hemm isfel u jghidilha biex toqghod taqbez 'il fuq u 'l isfel."*

Caroline Bonnici xehedet illi t-tifla qaltilha li gieli kienet tkun rieqda u tqum u tara fuq it-*television "Irgiel jaqbzu fuq iz-zejziet ta' mara."*

In segwitu ta' *case conference* illi sehh fl-20 ta' Frar, gie deciz illi l-imputat jinghata biss *Supervised Access*. Dana wkoll minhabba l-fatt illi l-imputat kien ammetta mas-*Social Workers* li gieli sawwat lil bintu.

Caroline Bonnici xehedet (a fol.170):

*"Ommissis A qal maghna li kultant it-tifla tohrog ilsiena u hu haseb illi qed tistiednu ghas-sess. Stqarr ukoll illi z-zijiet anzjani kienu jissusspettaw li kien jabbuza sesswalment minn Ommissis B."*

Caroline Bonnici xehedet illi sar rapport mill-Psikologa Denise Borg fuq din it-tifla.

Christianne Grech (a fol.173 et seq.), Social Worker *Child Protection*, xehedet illi hija Social Worker li segwiet mill-qrib lil minuri wara li din inghatat ghand *foster parents* sabiex tara illi kienet "well adjusted." Grech xehedet illi din it-tifla kienet kuntenta u kienet sejra tajba anka fl-iskola.

Xehedet illi qatt ma kienet semmiet jew tistaqsi ghal missierha.

**Dr. Zarb (a fol.177) ikkonferma c-certifikat mediku (Dok.CL a fol.172) tal-minuri u l-*findings* tieghu, cioe l-hmura fuq il-vulva izda minghajr sinjali ta' penetrazzjoni.**

Mario Camenzuli (a fol.187) in kontro ezami, kkonferma illi kien offra lill-imputat biex irrabilu lit-tifla tieghu. Xehed li din it-tifla ntegrat maghhom mill-ewwel u li kienet tifla intelligenti. Xehed li bdew ikollhom susspetti rigward xi abbuz bil-manjiera illi biha l-minuri kienet tirrejagixxi mieghu meta kienet tqum bil-lejl. Mitlub jghid kemm-il darba l-allegazzjonijiet ta' abbuz sesswali saru wara c-cerimonja tal-maghmudija tat-tifla, wara li l-imputat gie mcahhad milli jerfaghha, Camenzuli xehed illi l-imputat kien prezenti ghac-cerimonja u fil-fat kien ha diversi ritratti, u li, l-imputat setgha jara lit-tifla fil-prezenza tieghu. Huwa xehed illi ma kienx jaf x'mizuri illi hadu in segwitu l-Agenzija Appogg. Camenzuli xehed illi r-relazzjoni tieghu ma' Pulis sfaxxat u li llum il-gurnata huwa ma kellux kuntatt mal-minuri *Ommissis B*.

Grace Pulis, in kontro ezami, xehedet illi l-imputat *Ommissis A* ma kienx tahom il-minuri sakemm jirrizolvi certi problemi, anzi xehedet:

*"Tahielna. Qalilna 'Zommuha. Jekk ixxebbakom, ergghu baghatuhielna.'"* (ara xhieda a fol.199)

Grace Pulis ikkonfermat illi **wara xi jumejn**, waqt illi kienet qed tahsel lil minuri fil-parti genitali taghha, t-tifla kienet riluttanti ghal dan il-hasil u mbaghad qaltilha, *"Ghax qed tugani,"* u rat il-parti privata taghha hamra hafna u l-ghada haduha ghand Dr. Zarb. Pulis xehedet illi din it-tifla kellha lsienha minfuh u espost 'il barra minn xofftejjha u sabet illi kellha diversi *ulcers* f'ilsienha u fuq xofftejjha. Grace Pulis (a fol.201) xehedet illi meta hadu lil din **it-tifla ghand Dr. Zarb, dan sab hmura fil-parti taghha, qalilha illi setgha kien hemm *fingering*, izda ma kienx hemm**

**penetrazzjoni**. Mitlubha tghid jekk kemm-il darba tafx li din it-tarbija kienet damet xi tlett xhur tghix ghand iz-zijiet anzjani ta' l-imputat, Grace Pulis xehedet illi ma kinitx taf dwar dan u li kulma kienet taf, kienet illi l-imputat kien gabilha xi nofs tuzzana flixken tar-*Ribena*. B'referenza ghal zijiet, Pulis qalet li l-minuri ma kinitx trid taf bihom u lanqas ma kienet tkun trid tkellimhom fuq it-*telephone* meta kienu jcemplu. Mitluba tghid jekk kemm-il darba l-minuri qatt qaltiliex esplicitament illi l-imputat kien juza t-turnavit fuq il-parti privata taghha, Grace Pulis qalet illi fil-fatt il-minuri hekk kienet qaltilha (ara xhieda a fol.203) Grace Pulis ikkonfermat illi hija ghandha relazzjoni tajba ma' din it-tifla, illi tigi Social Worker kull xahar id-dar u hemm zewg Social Workers ohra li jahdmu mat-tifla illi jafu kif qed tigi mizmuma din it-tifla. Grace Pulis xehedet illi fil-bidu meta kienet waslet din it-tifla, huma kienu qiegheduha f'kamra ghaliha u li kienet tqum twerzaq kemm tiflah bil-lejl. Mario Camenzuli, meta kien imur jara x'ghandha, hi kienet twerzaq iktar u ghaldaqstant hija (Grace Pulis) kienet tikkalmaha u zzieghel biha. Dan l-agir baqa sejjer xi gimghatejn. Grace Pulis xehedet li meta l-imputat ikkonsenjalha lit-tifla,kien qalilha, b'referenza ghaliha u ghal Mario Camenzuli, illi "*Issa dawn il-mommy u d-daddy."* (ara xhieda a fol.204) Grace Pulis innegat illi l-imputat qatt ghaddielhom xi flus ghat-trobbija tat-tifla tieghu *Ommissis B*, hlief ghal darba meta kien taha xi tletin lira Maltin (Lm30). Grace Pulis xehedet illi l-imputat kien zamm kuntatt mal-minuri billi kien jigi jaraha darba kull xahar jew darba kull sitt (6) gimghat. Grace Pulis innegat illi meta kienu jcemplu z-zijiet, hi kienet tghidilhom, "*Tibqghux iccemplu ghax issa t-tifla taghna."* Anzi tghid illi kienet hadet il-minuri ghand dawn iz-zijiet, hi stess, Haz-Zebbug, pero' l-minuri ma riditx tibqa' tmur tarahom u meta cemplu, l-minuri dejjem qaltilha biex tmur tkellimhom. **Wara li r-relazzjoni ma' Camenzuli sfaxxat, ir-relazzjoni bejn Pulis u t-tifla ssudat.** Mitluba tghid jekk kemm-il darba kienx veru illi wara li saru dawn l-alleggazzjonijiet ta' abbuzi sesswali, l-pozizzjoni taghha, ta' omm it-tifla ssudat, Grace Pulis xehedet illi hija kienet bezghet u kienet talbet anka quddiem il-*board* biex lit-tifla ma' jehduwilhiex. Grace Pulis xehedet illi hija qed

tedukaha din it-tifla, tmur il-Muzew, tmur il-*boyscouts* u tehodha l-knisja kuljum.

Dr. Chris Zarb (a fol.209 u fol.210), in kontro ezami, xehed **illi hija haga komuni** illi *toddler* ikollha *a fungal injection* fil-parti privata taghha. Dr. Zarb cahad illi t-tifla kienet *withdrawn* u bezghana meta giet invistata minnu. Ftit wara pero' qal illi *"Fhimt mad-daqqa t'ghajn. It-tifla turik li kienet imdejjqa u kellha xi haga mistura go fiha li kienet qeghedha tinkwetaha."* (ara xhieda a fol.210)

Dr. Denise Borg (a fol.212), in kontro ezami, ikkonfermat illi hija ma ssuggerietx li din it-tifla tidhol f'terapija partikolari, mhux ghax dan ma ghandux isir, izda minhabba li sabet li din it-tifla kienet "resiliant" hafna, illi kienet qed tiffunzjona sew u b'mod regolari. Xehedet ukoll illi dawn it-tip ta' tfal jistghu mbaghad, bl-izvilupp fit-*teenage years* jew fi zwieg, jergghu jigu aflitti minn sintomi, izda fi stadju ta' l-izvilupp ta' din it-tifla, Dr. Borg ma deherilix li t-terapija kienet mehtiega. Denise Borg ikkonfermat li din it-tifla kienet *"very articulate"* ghal tifla ta' *ommissis* snin. Mitluba tghid kemm-il darba kienx veru, f'kaz ta' abbuz sesswali fuq it-tfal, l-*intellectual development* jkun mennomat u fil-kaz ta' din it-tifla, dan ma rrizultax, Dr. Denise Borg (a fol.218 u fol.219) tispjega illi kien hemm tfal li ma jigux affetwati b'dan il-mod, izda dan ma kienx komuni. Di piu', Dr. Borg xehedet illi hija kienet rat lit-tifla **wara xi seba' xhur** illi kien sehh l-allegat abbuz u f'dan il-perijodu ta' zmien il-vokabularju ta' din it-tifla setgha kiber. Mitluba mill-Qorti tghid kemm-il darba, fl-opinjoni professjonali taghha, din it-tifla kienet *"primed"*, Dr. Denise Borg irrispondiet fin-negattiv (ara fol.220). A fol.221, Dr. Borg xehedet illi hija ma hadet ebda informazzjoni mill-imputat, viva voce, izda kellha informazzjoni li giet mghoddija mis-Social Workers. A fol.223, Dr. Denise Borg ikkonfermat illi hija kkonkludiet illi din it-tifla giet abbuzata minn missierha minghajr qatt ma ltaqghet mieghu.

In kontro ezami, Caroline Grech Bonnici (a fol.226) xehedet illi kienet bint l-imputat stess u cioe Joanne Burns illi l-ewwel kienet cemplet fuq is-*support line* biex taghmel

*referral* fuq din it-tifla u ghamlet rapport fuq suspett ta' abbuz fiziku fuq din it-tifla. Illi, aktar tard, l-imputat stess kien talab ghall-ghajnuna mill-Appogg sabiex din it-tifla tiddahhal go sistema ta' *fostering*, ikkonfermat illi s-suspett ta' abbuzz sesswali fuq din **it-tifla sar biss meta din it-tifla inghatat il-*fostering* lil Grace Pulis u Mario Camenzuli**. Caroline Grech Bonnici kkonfermat illi l-imputat kien irriffjuta l-ewwel *foster parents* il-ghaliex ma deherlux illi jistghu jipprovdu ghat-tifla kif xtaq hu u ghalhekk kien wera *concern* fuq din it-tifla. A fol.229, Caroline Grech Bonnici **kkonfermat illi l-imputat qatt ma ammetta illi abbuza mit-tifla tieghu, izda *"qal li jiguh hsibijiet pero"*.** Caroline Grech Bonnici xehedet illi hija baqghet issegwi lil din it-tifla ghal xi sentejn u li t-tifla baqghet **konsistenti b'dak illi qalet *throughout the two years*** (ara xhieda a fol.229 u fol.230).

Spettur Louise Calleja, in kontro ezami (a fol.234) kkonfermat illi l-allegazzjoni ta' abbuz sesswali da parti ta' l-imputat kienet saret mill-*foster parent* imbaghad, sussegwentement, mill-Agenzija Appogg. Ikkonfermat illi l-*films pornografici* illi nstaghabu fir-residenza ta' l**-imputat kienu *films* pornografici li jirrigwardaw adulti biss mhux *child pornography***. Spettur Louise Calleja xehedet illi ghalkemm il-minuri kienet *"articulate"* hija ma kinitx qalet l-istorja taghha *from a to z*, anzi kienet *disturbed* u qalet l-istorja taghha bil-mod taghha u ma kinitx "*qed tghid xi storja li qratha u li giet quddiemha u qed tghidha zgur."* (ara xhieda a fol.226)

Rosanne Cassar, in kontro ezami (a fol.240) ikkonfermat illi meta gie l-ewwel darba l-imputat, huwa talab ghall-ghajnuna u dahluh fi programm PUD, cioe Programm Ulied Darna, fejn kienu jofru, permezz tal-voluntiera, ghajnuna lil genituri xi darbtjen fil-gimgha ghal xi ftit sieghat. Mistoqsiha jekk kinitx taf illi l-imputat kien xufier ta' *minibus*, kellu xiftijiet twal, anke ta' sittax (16)-il siegha, anke maghtul il-lejl, Rosanne Cassar xehedet illi ma deherilix li l-imputat kien qalilha l-hinijiet tax-xoghol tieghu. Rosanne Cassar (a fol.241) xehedet illi meta kien gie l-ewwel darba l-imputat, hu ma kienx talab ghal *fostering*, izda ghall-ghajnuna. Ikkonfermat illi meta rat l-imputat, it-

tifla kienet giet bi *track suit* mahmuga u zmattata, kellha wiccha u jdejjha mahmugin u lanqas ma kellha gakketta ghallavolja kien il-bard. Rosanne Cassar xehedet illi t-tifla, qatt ma qaltilha xejn.

*Ommissis B*, il-minuri, (a fol.255 et seq.) xehedet illi tiftakar lil missier naturali taghha mir-ritratti illi kellha l-mama, cioe Grace Pulis. Mitlubha tghid x'tiftakar mir-relazzjoni taghha u missierha u kif kien iqattghu l-hin flimkien, il-minuri wiegbet (a fol.257) li **missierha qatt ma kien jilghab maghha u qatt ma kien johrogha u li tiftakar kien, li kien isawwatha.** *Ommissis B*, il-minuri ta' *ommissis* (*ommissis*) snin, xehedet illi tiftakar illi kienet tara xi *cartoons* fuq it-*television*, qalet ukoll illi dejjem libset wahedha u mhux bl-ghajnuna ta' missierha. Ikkonfermat ukoll illi qatt ma *toys*, ghajr pupa wahda. *Ommissis B*, ma ftakritx biz-zijiet taghha ghajr zija wahda illi jisimha Guza u ftakret illi kienet tatiha s-*seven-up* u xi *twisties*. It-tifla ftakret ukoll illi kienet tatha xi *Madonna*. *Ommissis B* ma setghetx tiftakar lil Joanne jew lil Shaun, izda ftakkret illi dejjem kien ikollha hwejjeg mahmugin. Mistoqsija (a fol.261)

**Qorti:** ***"Xi hadd qallek biex tghid dawn l-affarijiet Ommissis B?"***
***Ommissis B*:** ***"Il-mama..."***
**Qorti:** ***"Il-mama, ehe, yes u x'qaltlek iktar biex tghid il-mama?..."***
***Ommissis B*:** ***"'Li niftakar' qaltli."***
**Qorti:** ***"X'qaltlek iktar?"***
***Ommissis B*:** ***"'Li niftakar' qaltli."***
**Qorti:** ***"U x'qaltlek qabel ma gejtu hawnhekk? Tiftakar Ommissis B?"***
***Ommissis B*:** ***"Jiena diga' ghidthomlok."***
**Qorti:** ***"Dak kollu li ghidtli llum qalitomlhok il-mama?"***
***Ommissis B*:** ***"Iva."*** (ara xhieda a fol.261 u fol.262)

A fol.265, l-imputat *Ommissis A*, bil-gurament xehed illi huwa kien mizzewweg u kellu zewgt itfal mill-ewwel zwieg tieghu: Joanne u Levi. Huwa ta l-isfond ta' kif iltaqa' omm

il-minuri *Ommissis B*, cioe Huyen, cioe illi kien iltaqa’ ma’ din il-mara li kienet incinta, Tunezina, waqt illi huwa kien *taxi driver*, kienet qaltlu l-istorja taghha u cioe illi kienet imsawwtha minn zewggha u ma kienx jatiha flus u li kienet qabdet u telqet ghal Malta ghal ghonq it-triq. L-imputat jghid illi kien offrilha kenn fid-dar taghu u fil-fatt xi xhur wara kienet twelditilha tarbija illi kienet semmietha. Huyen; l-imputat jghid illi din il-mara ghexet mieghu ghal sena u kien wara sena li kellhom relazzjoni intima u fil-fatt kienet inqabdet bit-tfal u weldet lil *Ommissis B*. Meta t-tifla kellha biss disa’ (9) xhur, kien gie r-ragel ta’ Huyen u talabha tatih it-tifla tieghu Marilyn u minkejja dak kollu li ghamel, l-imputat ma rnexxielux jipperswadi lil Huyen biex tibqa’ Malta. Fil-fatt kien gie huha mit-Tunezija, qatghalha l-passagg *“And within a week she was gone.”* (ara fol.268) L-imputat xehed illi dak iz-zmien huwa kien *taxi driver* ma’ John’s Garage u kien jahdem mis-sebgha ta’ filghaxija (7:00p.m.) sas-sebgha ta’ filghodu (7:00a.m.). L-imputat (a fol.269) spjega illi meta telqet Huyen lejn it-Tunezija, hu safa wahdu bit-tarbija ta’ disa’ (9) xhur u sab diffikulta’ kbira biex jiehu hsiebha u jzomm il-*job* tieghu. Huwa xehed illi kien jiehu hsieb lit-tifla tieghu *Ommissis B* billi jatiha x’tiekol, jixtrilha l-hwejjeg, ilibbisha u jaghmlilha dak kollu li huwa necessarju. Hu ghalhekk kien talab ukoll ghall-ghajnuna taz-zijiet tieghu li, pero’, kienu anzjani. Wiehed minn dawn iz-zijiet kien ibghati minn dimenzja u li kien ta’ spiss rekoverat Mount. Carmel Hospital (ara xhieda a fol.271). L-imputat spjega illi ghaldaqstant hu hass illi ma setghax ihalli t-tifla tieghu ghand iz-zijiet tieghu, aktar u aktar meta tibda tmur l-iskola. Di piu’, hu ma setghax ma jahdimx biex izomm din it-tifla il-ghaliex kellu bzonn imantiha u jzomm lilu nnifsu. Lanqas ma ried jitfaghha go istitut il-ghaliex meta kien ghadu zghir hu kien ghamel sitt (6) xhur jghix go istitut ta’ San Guzepp il-Hamrun u ghalih, din l-esperjenza kienet martirju u beda jibza’ li bintu tibqa’ tobghodu ghal ghomorha. L-imputat jghid illi nelfrattemp hu kien jaf lil certu Kevin Bajada illi jigi t-tifel ta’ Grace Pulis u dan kien jafu bhala ***motor mechanic*** **u kienu jafu lil xulxin ghal aktar minn ghaxar (10) snin.** “I was like a dad to him, go to his house, niekol mieghu, mat-tfal tieghu, mal-mara tieghu. F’daqqa wahda they set me up, you know, what set me up

means?” L-imputat xehed illi dan Kevin Bajada kien offrilu, l-mama tieghu stess, li kienet tghix ma’ certu Mario Camenzuli setghet tindokralu lit-tifla, l-imputat xehed li kien jara lil Mario Camenzuli fil-garaxx ta’ Kevin Bajada. L-imputat xehed illi hu kien diga’ talab l-ghajnuna minghand l-Appogg u li dawn kienu offrewlu *fostering* permezz ta’ familja **izda ma accettax** stante illi l-*foster parents* ma ghogbuhx:

> *“He was young.* Bil-misluta. Bit-*tattooes. He was a smoker hawnhekk (subajh) isfar. Kellu zewgt itfal.”* (ara xhieda fol.272)

L-imputat xehed illi fil-fatt kien iltaqa’ ma’ Grace Pulis u kienu marru l-Appogg u ffirmaw il-karti quddiem John Role’. Huwa xehed illi kien ta lit-tifla tieghu ghal *fostering* izda ried jara lit-tifla tieghu meta ma kienx ikun xoghol. Fil-fatt, fil-bidu, kien beda jmur ghand Grace Pulis u din taghmillu t-te’. Ftit wara beda jinduna li meta kien imur jara lil bintu, Grace Pulis, kienet tibqa’ zzomm idejn it-tifla l-hin kollu u hu ma setghax jannaq jew ibus lil bintu. Ftit wara, Camenzuli kien attakkaha, fis-sens illi beda jallega illi l-imputat kien qieghed imur ghand Grace Pulis il-ghaliex ried ikollu x’jaqsam sesswalment maghha. Fil-*birthday party* ta’ Shaun, in-nepputi ta’ l-imputat, u kif il-minuri *Ommissis B*, rat lil Shaun u lil Joanne, bdiet tghannqu u tbusu waqt illi bdiet tghid lil missierha li riedet tibqa’ mieghu u ma riditx tmur lura ma’ Grace Pulis. Illi ghaldaqstant huwa mar ikellem lil Grace Pulis biex forsi darba fil-gimgha, hu jkun jista’ jiehu lil din it-tifla halli hija tiltaqa’ ma’ Shaun u Joanne izda Grace Pulis ir**rifjutatu u qaltlu, “*She is my little girl. Get out.”*** Minn hemmhekk huwa mar jitkellem ma’ ta’ l-Appogg u mar ikellem lil avukat tieghu. Dan kien il-Hamis jew il-Gimgha u mbaghad it-Tnejn filghodu huwa kien gie arrestat mill-Pulizija, bl-akkuzi ta’ abbuz sesswali fuq bintu. A fol.274 u fol.275, l-imputat ta rakkont ta’ l-esperjenzi li ghadda minnhom meta hbiebu u l-gara saru jafu fuq l-akkuzi illi gie mixli bihom. L-imputat ezebixxa hdax (11)-il ritratt (Dok.JG1 sa Dok.JG11). L-imputat xehed illi l-allegazzjonijiet da parti ta’ Pulis u Camenzuli saru biss biex huma jkunu jistghu jiehdu lit-tifla tieghu. L-imputat

xehed illi huwa ma kienx jaf li Grace Pulis u Mario Camenzuli ma kienux mizzewgin u stqarr li l-Appogg ma kellhomx dritt illi jatuhom lit-tifla tieghu meta dawn ma kienux familja. Huwa xehed illi l-unika haga li hu ried kien illi jara lit-tifla tieghu darba fil-gimgha u li jehodha ghand iz-zijiet tieghu u li din ix-xewqa tieghu sarfet f'akkuzi moqzieza illi ingghabu kontra tieghu ingustament.

In kontro ezami (a fol.277), l-imputat xehed illi huwa ma qalx dawn l-affarijiet fl-istqarrija tieghu mal-Pulizija ghaliex kien intebah bihom wara l-akkuzi, meta huwa kien detenut il-habs. Huwa kkonferma illi hu kien mar ghand l-Appogg sabiex jatuh l-ghajnuna, biex jindokrawlu lit-tifla tieghu il-ghaliex iz-zijiet tieghu kienu anzjani, kollha fuq it-tmenin u ma setghux jindukrawlu lit-tifla tieghu aktar u mhux biex icedi t-tifla tieghu. L-imputat innega illi John Role' kien spjegalu x'ifisser il-kuncett tal-*fostering*. Mitlub jghid jekk kemm-il darba l-Ispettur Louise Calleja kellmitux fuq dak li allegat it-tifla, l-**imputat irrisponda, *"Who told my little girl to say that?"*** (ara xhieda a fol.281) mitlub jghid kemm damet tghix mieghu Huyen, qabel ma bdew ir-relazzjoni intimi bejniethom u l-imputat (a fol.282) xehed illi relazzjonijiet intimi bejn xi erba' (4) xhur wara illi marret tghix mieghu Huyen, jinnega bl-iktar mod nociferu illi huwa kien isawwat lil Huyen u li din kienet ir-raguni il-ghaliex kienet telqet lura t-Tunezija. A fol.283, l-imputat xehed illi meta kien jidhol fil-kamra tal-banju, kien isakkar lil bintu fil-kamra tas-sodda, il-ghaliex kien jimbarazza ruhu, izda din kienet tibda tghajjat u twerzaq u tibda' tkisser l-affarijiet tant illi gieli anka gew il-gara biex jaraw x'kien qd jigri. L-imputat xehed (a fol.284) illi huwa kien anka talab lil bintu Joanne biex tindokralu lil *Ommissis B* izda din kienet ghaddejja minn divorzju barra minn Malta u ma setghetx tghinu. L-imputat xehed illi l-allegazzjonijiet illi ghamlet it-tifla tieghu kien sforz il-*brain washing* illi sehh minn Camenzuli u Grace Pulis (fol.285). B'referenza ghall-istqarrija tieghu (fol.137), ghal dak illi ammetta hu u cioe li sakkar lit-tifla gol-kamra, l-imputat xehed illi huwa kien sakkarha il-ghaliex kienet kissret tazza u riedet tinzel mill-*high chair* u beda jibza' illi sakemm inaddaf hija kienet ser twegga u dik kienet ir-raguni illi sakkarha u dana kien ghal ghaxar (10) minuti sakemm naddaf. L-imputat (a fol.286)

jinnega illi qatt ra xi *film* pornografiku fil-prezenza ta’ bintu, anzi xehed illi huwa kien nehhihom mill-idejn biex ma tmurx taqbadlu wiehed minnhom it-tifla u taghfas il-*play*. A fol.288, l-imputat xehed illi dawn l-allegazzjonijiet saru il-ghaliex Pulis u Camenzuli riedu lit-tifla tieghu, *“Ghax they knew that this little girl kif meta tara lili tiggennen. Rat lil Joanne, rat lil Shaun u t-tifla ma riditx toqghod ma Grace Pulis, ma riditx taf, ‘daddy rrid nigi mieghek, ma rridx noqghod hawnhekk,’ hekk ghamlitli, mossa, taghti b’saqqajjha, tibki, tghajjat, you can ask my daugher, you can ask Shaun, I will bring them in Court.”* (ara fol.288)

A fol.289, l-imputat jaghti spjegazzjoni il-ghaliex ma taghax iktar informazzjoni fuq dak illi kien qed jigrilu waqt illi l-Ufficjal Prosekutur kienet qed tiehu l-istqarrija tieghu. A fol.290, l-imputat ikkonferma illi Camenzuli allega illi huwa kien qed imur, mhux biex jara lit-tifla tieghu imma biex jittantalu lil Grace Pulis u fuq dan huwa, l-imputat, ma ghamilx rapport l-Ghassa tal-Pulizija.

Gie ezebit Dok.JG14, *foster care placement agreement* (a fol.298) u *bank account* f’isem *Ommissis B* (a fol.299) f’ammont ta’ seba’ mija u hamsa u sebghin liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm775.24c)

Fir-re ezami, l-imputat xehed illi huwa ltaqa’ ma’ Huyen fil-21 ta’ Awissu tan-1997, Marilyn twieldet fil-5 ta’ Marzu 1998, wara li kwazi ghaddiet sena, bdew jorqdu flimkien.

Dorothy Vassallo (fol.302) xehedet illi hija ilha taf lill-imputat dawn l-ahhar ghoxrin sena u kien habib tal-familja. Hija xehedet illi kienet tafdalu lit-tfal taghha biex johodomlha l-privat u ghal suggetti *extra curriculum* bhal *football* eccetra. Dorothy Vassallo xehedet illi meta kienet tafda lit-tfal ma’ l-imputat, dawn kellhom bejn tmienja (8) u sittax (16)-il sena. A fol.303, Dorothy Vassallo xehedet, *“Ma nahsibx illi huwa ragel li jasal biex jaghmel dawn l-affarijiet almenu ghalija, ghax kieku nahseb it-tfal tieghi m’humiex tfal injoranti nahseb kieu qaluli, kieku jghiduli xi haga, kieku forsi xi darba raw xi ghajn hazina, ma nahsibx illi ghandu jigi akkuzat hekk jiena.”*

In kontro ezami, Dorothy Vassallo xehedet li wara illi l-imputat gie mixli kienet avvicinat lit-tfal taghha u qaltilhom bl-akkuzi migjuba kontra l-imputat u dawn kienu ixxukjati hafna. Hadd mit-tfal taghha ma qalilha illi kien ghamlilhom xi haga.

Francesca Vassallo (a fol.306) ta' ghoxrin (20) sena, kkonfermat illi hija kienet ilha taf lill-imputat minn mindu kellha xi sitt (6) snin u li kien ikun id-dar taghhom ta' spiss u li sahansitra l-imputat kien hadhom *Popeye's Village* u li kienet ghamlet xi hames (5) sieghat fil-kumpanija tieghu. Ikkonfermat ukoll illi gieli l-imputat kien jehodha u jwassalha ghal privat. Qatt ma ghamel xi avanzi sesswali fuqha u lanqas qatt ma uza lingwacc bi *inuendos* sesswali fil-prezenza taghha minkejja li kienet zghira.

Joseph Vassallo (a fol.309) ikkonferma li kien jaf lill-imputat ghal zmien konsiderevoli u meta kellu bejn sitta (6) u hdax (11)-il sena l-imputat kien ta' sikwit iwasslu u dana anka meta kien wahdu mieghu fil-karozza, qatt ma ra ghajn hazina mill-imputat jew xi kunfidenzi zejda.

Guza Camilleri (a fol.313), iz-zija ta' l-imputat, ikkonfermat illi *Ommissis B* kienet ghamlet xi erba' (4) xhur dejjem ghandhom. Camilleri qalet illi kienet tifla ta' intelligenza kbira u kkonfermat illi Grace Pulis darba kienet giet ghandha u kienet qaltilha, ***"Xeba jhabbatni imma minn taht idejja ma jehodieli hadd,"*** (ara xhieda 314) u dana b'referenza ghal minuri *Ommissis B*. Guza Camilleri kkonfermat illi wara erba' (4) xhur, hija u hutha ma felhux iktar ghat-trobbija ta' din it-tifla minhabba li kellhom l-eta'. A fol.315, Guza Camilleri xehedet illi f'wahda miz-zewg okkazzjonijiet fejn Grace Pulis kienet hadet lit-tifla zzurhom, it-tifla xtaqet tavvicina liz-ziju Salvu, izda, *"Grace Pulis hatfitha bl-gherra u qaltilha, 'Ejja 'l hawn'."* Fil-fatt it-tifla bisitu lil zijuha Salvu, pero' Grace Pulis kienet haditha bl-gherra u kienet qaltilha biex tersaq 'l hemm.

Katy Camilleri (a fol.316) ikkonfermat ix-xhieda ta' Guza Camilleri. Xehedet illi *Ommissis B* kienet ghexet maghhom ghal xi erba' (4) xhur u li kienet zagharithom Grace Pulis mat-tifla u li Katy Camilleri kienet tatha x'tiekol

lit-tifla ghax deheret bil-guh. Ikkonfermat illi hija kienet xtratilha gizirana ghal Maghmudija, li din il-gizirana kienet tammonta ghal tletin lira Maltin (Lm30), waqt li l-imputat kien taha tletin lira Maltin (Lm30) ohra. Huma kienu attendew ghal Maghmudija u waqt din il-Maghmudija, meta t-tifla *Ommissis B* lemhithom, bdiet tghajtilha u bdiet tibki waqt li Grace Pulis bdiet iggebidha ‘l hemm. Grace Camilleri (a fol.319) ikkonfermat illi t-tifla kienet ikkurata sew u sostnuta tajjeb waqt illi kienet ghandhom. Qalet ukoll illi kellha kaxxa mimlija *toys*.

Guza Camilleri, riprodotta (a fol.322), xehedet illi waqt ic-cerimonja tal-Maghmudija, Grace Pulis bdiet tigbed lil minuri u lanqas hallietha tkellimhom.

Christian Galea (a fol.328), ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena, ikkonferma illi kien jaf lill-imputat ghax dan kien habib tal-papa tieghu tul il-medda ta’ hmistax (15)-il sena. Galea xehed illi l-imputat kien ikun fil-garaxx tal-papa tieghu u kien qatta’ zmien konsiderevoli wahdu mieghu anke meta kien zghir ta’ bejn sebgha u ghaxar (10) snin. In fatti kien hemm zmien fejn l-imputat kien ghamel xahar u nofs, f’kuntatt kontinwu mieghu, waqt li dan kien wahdu. Christian Galea xehed illi fi zmien kollu illi qatt kien jaf lill-imputat, l-imputat qatt ma ghamel agir mieghu illi ma kienx xieraq jew ra xi ghajn hazina minnu.

Joanne Burns (a fol.332), it-tifla ta’ l-imputat, innegat illi missierha qatt kien abbuzaha sesswalment, ***“Lanqas kien jaf itini punishment ghax jghid haga u mbaghad funny, he is a funny guy you know?”*** Ikkonfermat illi l-minuri *Ommissis B* gieli raqdet ghandha u li meta kienet maghha kienet tidher kalma u kuntenta. Joanne Burns xehedet illi l-akkuzi kontra missierha kienu dizgustanti u dan setghat tghidu il-ghaliex hi ndukrat lil din it-tifla u kienet hasslitha u taghtha banju u li kieku kien hemm xi haga hazina zgur illi kienet tinduna biha. A fol.334, Joanne Burns ikkonferma illi hija gieli halliet lit-tifel taghha Shaun ma’ l-imputat u dana xi gimghatejn qabel il-ghaliex kellu tieg. Joanne Burns ikkonfermat illi t-tifla *Ommissis B* kienet inghatat lil Grace Pulis ghal *baby sitting purposes* u dana sa fejn taf hi. Hija cintazizzat illi dawn l-akkuzi kontra

l-imputat kienu dizgustanti il-ghaliex dan kien missierha u li kieku kien hemm xi haga hazina, hi, bhala tifla, kienet ser tkun taf bihom. Sal-gurnata tal-lum, hija gieli, sahansitra, qaghdet bil-*pygamas* quddiem missierha u gieli marret torqod ghand missierha bit-tifel taghha.

Vanessa Galea (a fol.336) ikkonfermat illi kienet taf lill-imputat ghax dan kien habib tal-papa taghha. Ikkonfermat illi hija kienet tafu xi tnax (12)-il sena u qatt ma rat ghajn hazina minnu. Illi meta saret taf fuq dawn l-akkuzi, Vanessa Galea kellha biss madwar hames (5), sitt (6) snin.

Pierre Galea (a fol.338), missier Christian, Vanessa u Pauline, xehed illi ilu jaf lill-imputat bejn hamsa u ghoxrin (25) u tletin (30) sena u li kien jafda lil *Ommissis A* bit-tfal tieghu u li qatt ma kellu ebda dubju fuqhom. Ikkonferma illi huwa kien jaf lil *Ommissis B* u li l-imputat gieli gabha l-garaxx u li qatt ma ra lill-imputat jikkoregi b'mod hazin lil din it-tifla.

Normann Galea kkonferma illi kien jaf lill-imputat ghal ghoxrin (20) sena. Illi kien iqatta' hafna zmien fil-garaxx taghhom u kkonferma li l-imputat gieli qatta' xi saghatejn mat-tifel tieghu u fil-fatt anka gieli wasslu bil-pjacir x'imkien. Ikkonferma li t-tifel tieghu qatt ma wera xi biza jew xi rabja jew apprensjoni ghax kien ikun sejjer ma *Ommissis A*. Dan ix- xhud ikkonferma li kiern jaf il- minuri *Ommissis B* u **qatt ma kien innota xi haga hazina f din it- tifla, infatti kienet tidher tifla ferrihija u qatt ma ra xi haga li ghajnu ghorkitu minnha.** Francis Galea 4344 ikkonferma li kien ilu jaf lil imputat xi sbatax il sena u kien jafu bhala persuna **" imgerfexx imma *all right* hafna, kind hearted ... idahhak."**

Normann Galea (a fol 341 et sec) xehed li kien ilu jaf lil imputat ghal madwar ghoxrin sena u dan kien habib tal-familja tieghu u li l- imputat kien iqatta hafna zmien fil-garaxx taghhom. Galea xehed li huwa kien mizzeweg u li gieli halli lit tfal ma l- imputat ghal xi siegha u anki iktar, it-tifel tieghu llum il-gurnata kellu hamsa u ghoxrin (25) sena. Normann Galea xehed illi l-imputat gieli wassallu lit-

tifel tieghu f'postijiet partikolari t-tifel qatt ma wera xi biza' jew xi riluttanza biex imur ma' l-imputat. Normann Galea xehed illi jaf lil minuri *Ommissis B* u qatt ma osserva xi agir jew xi sinjali ta' swat jew abbuz iehor fuq din it-tifla. **Huwa qal li t-tifla kienet ferrihija u qatt ma qalet xejn fuq missierha (l-imputat).**

Francise Galea xehedet illi ilha taf lill-imputat ghal sbatax (17)-il sena u kellha zewgt (2) itfal u li dawn it-tfal kienu jigru fil-garaxx fejn kien ikun hemm l-imputat, *"Qatt ma rajna xejn hazin. Zgur zgur ma nahsibx hazin fih f'dawn l-affarijiet."* (ara xhieda a fol.345)

Roderick Galea ta' hamsa u ghoxrin (25) sena xehed illi kien jaf lill-imputat bejn tlettax (13) u hmistax (15)-il sena u li meta kellu bejn disgha (9) u hdax (11)-il sena, l-imputat kien jghaddi sal-*garage* (*garage* tal-karozzi ghal kiri) ta' missier Roderick Galea. Ikkonferma li hafna drabi kien ikun wahdu ma' l-imputat u li gieli wasslu ghal xi qadja u li qatt ma tah fastidju jew ra xi ghajn hazina minnu, qatt ma urieh xi xbihat pornografici. Roderick Galea xehed illi ra lill-imputat ma' bintu *Ommissis B* u anke ma' Marylene u ra biss eghmil normali tal-missier.

Kathleen Pullicino (a fol.350) gara ta' l-imputat, xehedet illi ilha taf lill-imputat tnejn u ghoxrin (22) sena:

*"I never noticed anything that made me feel uncomfortable* u *that I would say as wrong I mean."* (ara xhieda a fol.351)

Anna Galea (a fol.358), mart Pierre Galea, xehedet illi hija kienet ilha taf lill-imputat madwar ghaxar (10) snin u li kienet tarah xi darbtejn fil-gimgha il-ghaliex kien jigi ta' spiss fil-garaxx tar-ragel taghha. Anna Galea xehedet illi ratu ma' bintu *Ommissis B* li kienet tarah jirrejagixxi bhala "missier normali." (ara xhieda a fol.359) Illi darba kienet zammet lil din it-tifla ghal gurnata. Missierha kien gabilha l-*bottles* u *cartoons* ta' Barney u r-rejazzjoni tat-tifla, meta rritorna l-missier fil-ghaxija, kienet illi ferhet b'missierha. Ikkonfermat illi hija kienet sqietha b'*bottles* tal-halib.

Ikkonsidrat:

Din il- Qorti ezaminat u fliet bir- reqqa x- xhieda kollha ta dan il-kaz li jippernja ghal- kollox fuq apprezzament tal-provi; provi li jikkonsistu fi tlett testimonjanzi tat-tifla ta' *ommissis* (*ommissis*) snin u *ommissis* (*ommissis*) xhur, xhieda ta' psikologa Denise Borg u xhieda tal-*foster parents,* kontrastanti dawn, ma' numru konsiderevoli ta' xhieda prodotta mid-difiza.

L-ewwel xhieda tal- minuri *Ommissis B* ta' *ommissis* (*ommissis*) snin u *ommissis* (*ommissis*) xhur kienet wahda impressjonanti, mhux biex ghax din it tifla kienet artikolata hafna ghall-eta' taghha, imma ghal kontenut tax-xhieda taghha illi tat x'tifhem illi kien twettaq abbuz sesswali ta' gravita' konsiderevoli b'mod specjali, meta dan jigi abbinat ma' l-eta' tenera taghha – allegazzjoniet li hargu waqt *role play* fejn il-minuri progettat ruha b'referenza ghal-pupa taghha. F'dan l-ewwel testimonjanza il-minuri allaegat li missierha ma kienx jiehu hsiebha, ma kienx jitmaghha jew jaghtilha *bottle* tal-halib, li kien iwegaghha permess ta' subajgh, fil-parti genitali taghha u li kien "pastaz". Aktar tard qalet li l-imputat kien jaghtiha halib hazin li kien igibu mil- parti genitali tieghu.

Fit- tieni xhieda li kellu jsir minhabba li l-ahhar parti tal-*casette* ma kienx car, il-minuri kkonfermat li missierha "dak li siefer" (fol.112) ma kienx jaghtiha x' tiekol "jixrob wahdu u jtili l-ghadam u l-gilda" (fol.113) ikkonfermat li ma kienx jahslilha jew ibidlilha l-hwejjeg u li kienet taghmel kollox wehidha. Il-minuri ftakret fuq iz-zija Katarina (fol.116) u li din kienet titma lilha, lil Shaun u Joanne (fol.118).

Ghal- kuntrarju ta' l-ewwel intervista (fejn skond il-minuri l-imputat **kien jorqod bit-*top* tal-*pyjamas* biss**, minghajr anki l-qalziet ta' taht) missierha **kien joqrod bil-*pyjamas* intiera, u li l- imputat ma kienex jippuniha jew isawwatha lanqas meta kienet tkun imqarba**. Il-minuri xehdet li missierha kien wegaha b'turnavit izda ma kienetx cara kif. Qalet:

“ kienet ticaqlaq u nwegga,” (fol.124)

u li missierha kien jinduna li wegghet u li dan gara diversi drabi u li ma kienet qalet lil hadd.

Fit-tielet *video conference*, allura meta l-minuri kellha *ommissis* (*ommissis*) snin il-minuri xehedet li “nsiet” l-isem ta’ missierha, li ma missierha ma kienux johorgu, li qatt ma laghabet mieghu, li kien isawwatha, li kien jatiha halib qares, li s-sodda kienet mahmuga u li qatt ma gew tfal ghandhom biex jilghabu, li kienu jaraw il-*cartoons* fuq it-*television*, li kienet tilbes wahedha, li l-imputat ma kienx jixtrilha *toys* pero’ gieli taha pupa wahda. Il-minuri xehedet li z-zijiet ma tiftakarhomx hlief ghaz-zija Guza li kienet tatha *seven-up* u *twisties*. Ma ftakritx lil Shaun u Joanne izda ftakret li hwejjigha kienu jkunu mahmugin u **“li dak kollu li qalet kienet qaltilha ommha.”** (ara fol.262)

Meta wiehed jqabbel l-ewwel xhieda tal-minuri mat-tieni u t-tielet testimonjanza taghha, wiehed ma jistghax ma jkunx kolpit b’inkonsistenzi serji (ara nota ta’ sottomissjonijiet tad-Difiza fol.12-14) liema nkonsistenzi, gew ben notati minn din il-Qorti, u bil-fatt kardinali **li l-minuri ta’ *ommissis* (*ommissis*) snin ma semmiet ebda xrara ta’ evidenza dwar abbuz sesswali, <u>u din it-tifla qalet car u tond illi dak kollu li qalet lil Qorti kien dak li qaltilha ommha! </u>(u cioe l-foster mother)**

Illi l-Qorti, ghalhekk, giet kostretta tifli bir-reqqa l-kliem preciz sabiex tevalwa jekk kemm-il darba, din it-tifla gietx imharrga jew mghallma biex tghid dak illi hija qalet.

Ix-xhieda tal-minuri turi kampjuni serji ta’ dak li, fil-kamp ta’ evidenza ta’ tfal jissejjah “priming”. Il-Qorti sejra telenka ezempji ta’ din ix-xorti mehuda mit-testimonjanza tat-tifla quddiem din il-Qorti:

“Ghax dak siefer” (fol.112);

“Jixrob wahdu u jtini l-ghadam u l-gilda”; (fol.113)

“Insejt isem tad-daddy”; (fol.111)

“Sodda mahmuga”; (fol.257)

“Hwejjeg kienu jkunu mahmugin”; (fol.261)

Qorti: “Min qallek li siefer?”
Minuri: “Il-mama tieghi.” (ara fol.112)
Qorti: “Tiftakar *Ommissis B*, tghidli xi haga fuq l-ikel illi kien igieblek – il-hmieg...x’inhu dan il-hmieg”
Minuri: “Minn fl-art.”
Qorti: “...allura x’kien ikun dan l-ikel?”
Minuri: “Hmieg.” (ara xhieda a fol.90)

Apparti dawn l-ezempji, l-Qorti fliet ukoll il-kliem precizi illi din it-tifla qalet lil professjonisti, f’dan il-kaz, u cioe lil Dr. Denise Borg u anke hawn, din il-Qorti sabet ezempji cari ta’ “priming”:

**“Kien ibusni hawn jaq (pointing to cheek)” u “hawnhekk ukoll,” “KIEN JITLALI DAQSIEX”; (fol.26)**

**“Ghax mahmug. Ma jinhasilx u LANQAS GHANDU FEJN JINHASEL.” (fol.26)**

Din il-Qorti hi tal-fehema illi dawn il-frazijiet juru b’mod abbastanza car illi huma kliem li normalment jintuzaw minn adulti u wiehed ma jippretendix dawn it-tip ta’ kliem minghand tifla ta’ *ommissis* snin. Huwa abbastanza car illi t-tifla kienet qed tirrepeti kliem illi semghet lil adulti jlissnu.

Din il-Qorti ghandha dubbju serjissimu dwar l-ewwel xhieda tal-minuri, *Ommissis B*, li nghatat meta din it-tifla kellha *ommissis* (*ommissis*) snin. Din il-Qorti, in vista ta’ l-inkonsistenzi u in vista ta’ evidenza cara ta’ “priming” ma hi xejn konvinta illi din il-minuri ta’ *ommissis* (*ommissis*)

snin kienet taf illi "hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz." (Artikolu 564 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi fil-kwistjoni ta' evidenza ta' tfal, Archbold ghal rigward ta' dritt procedurali Ingliz irritjena:

*"A child's compentency depends not upon his age, but upon his understanding... the duty of speaking the truth."*

Il-Qorti rinfaccjata b'testimonjanza minsusa b'dan il-mod gravi, rrikorriet ghal evidenza medika, mghotija f'dan il-kaz, izda anke hawn, din it-testimonjanza hija fjakka ghall-ahhar ghal diversi motivi.

Il-Prosekuzzjoni pproduciet lil Dr.Christopher Zahra, tabib tal-familja Pulis li invista lit-tifla, waqt li kkonferma Dok.CL certifikat mediku (a fol.172). Il-Qorti nnutat illi x-xhieda ta' Dr. Zarb quddiem din il-Qorti kienet inkonsistenti, kemm f'dak illi ntqal minn dan ix-xhud fl-"examination in chief", kif ukoll ghal dak illi qal fil-kontro ezami meta abbinat mal-kontenut tac-certifikat Dok.CL jghid:

"On examination the child was withdrawing, her vulva was inflamed but there were no signs of penetration."

Din it-testimonjanza ta' Dr. Zarb trid tigi ezaminata fid-dawl tal-fatt illi l-ezami mediku sar **fl-14 ta' Jannar 2002 u cioe erbat (4) ijiem wara li t-tifla giet konsenjata lil foster parents.**

Il-ftehim ghal *fostering* fuq il-minuri gie ffirmat fil-25 ta' Jannar 2002.

Illi Dr. Stephen Attard u Dr.Mariella Mangion ezaminaw lil *Ommissis B* fit-30 ta' Jannar 2002. Dawn it-tobba ma gewx prodotti mill-Prosekuzzjoni izda ntqal illi Dr. Attard ma sabx evidenza ta' abbuz sesswali fuq din it-tifla.

Dr. Mariella hija *pediatrician* fi hdan ic-Child's Services u ghandha esperjenza konsiderevoli u specjalizzat precizament fil-kamp tal-medicina relatat ma' abbuz fiziku

jew sesswali ta' trabi jew tfal. In-nuqqas tax-xhieda taghha u ta' Dr. Attard, fid-dawl ta' certifikat mediku ta' Dr. Attard (li ma sabx evidenza ta' abbuz sesswali) thasseb mhux ftit lil din il-Qorti. Dan qieghed jinghad il-ghaliex din it-tifla marret tghix ghand Pulis/Camenzuli fl-10 ta' Jannar u sa l-14 ta' Jannar, Dr. Zarb irrilaxxa certifikat fejn stabbilixxa illi sab hmura tal-vulva ta' din it-tifla minghajr pero' ebda sinjal ta' sinjal ta' penetrazzjoni. Issa l-allegazzjoni maghmula minn Pulis/Camenzuli kienu illi din it-tifla qaltilhom li l-imputat kien idahhal tornavit fil-parti privata ta' din it-tifla.

Minkejja illi l-minuri qatt ma nisslet quddiem din il-Qorti dan l-abbuz indikat (ghalkemm din il-Qorti taghraf illi dan il-kliem sar quddiem Dr. Borg u l-*foster parents)* il-Qorti taghraf illi **l-inserizzjoni ta' tornavit fil-parti privata ta' tifla ta' *ommissis* (*ommissis*) snin, per forza kienet thalli marki cioe *scarring* li kwalunkwe tabib kien ser jinduna bih.** Il-Qorti pero' taghraf illi specjalista kienet ser tkun f'qaghda illi tispjega lil din il-Qorti kemm kienet komuni f'*toddlers fungal infection* jew '*in layman's terms*' *nappy rash* illi tant thabbat ommijiet fit-trobbija normali tat-tfal. Din il-Qorti tinstab ukoll imhassba serjament bil-fatt illi Camenzuli/Pulis allegaw illi t-tifla qaltilhom li l-imputat kien jisporza l-pene tieghu f'halq din it-tifla ta' *ommissis* (*ommissis*) snin u li b'rizultat ta' dan insinwaw illi halq din it-tifla kien mimli 'ulcers', issibha haga kurjuza mmens illi ebda wiehed mit-tabib illi invista din it-tifla ma sab l-icken evidenza ta' dawn l-'ulcers'.

Din il-Qorti, per forza, kienet kostretta, fid-dawl ta' dak kollu gia' sollevat, illi tifli r-rapporti tal-psikologa Denise Borg li skond ir-rapport taghha (Dok.DB a fol.24), l-*assessment* psikologiku tal-minuri **beda** f'Lulju 2002 u cioe sitt (6) xhur **wara** li l-minuri inghatat lil *foster parents*.

Jidher car illi Dr. Denise Borg kienet impressjonata bil-minuri, bl-intelligenza taghha, b'kemm kienet "*articulate*", kif ukoll bil-kwalita' u l-gravita' ta' l-allegat abbuz fuq din il-minuri.

Fix-xhieda taghha kif ukoll fil-kontro ezami Denise Borg ma kinitx ta' l-opinjoni illi t-tifla kienet "primed" biex tghid dak li qalet.

Apparti dak li gie sollevat fin-nota ta' osservazzjonijiet tad-Difiza dwar dan ir-rapport ta' Dr. Borg (ara fol.5-10 tan-nota), **din il-Qorti qieset illi l-fatt li Grace Pulis kienet prezenti ghal kull *session* mal-psikologa, ma ghinitx biex tnaqqas il-perikolu ta' "priming"**. Di piu', il-psikologa Borg ma rrikorrietx ghall-informazzjoni dwar it-trobbija tal-minuri minghand iz-zijiet ta' l-imputat u minghand Joanne Burns.

Din il-Qorti gia tat ezempji fejn it-tifla uzat kliem illi juri illi din it-tifla giet imharrga biex titkellem bil-manjiera li tkellmet.

Irid jinghad ukoll illi s-sessjoni tar-rapport Dok.DB, fejn qed jigi diskuss *"Background Information,"* rigwardanti l-imputat u l-manjiera li biha kwazi kwazi ried jehles minn bintu, **hija kontradetta** minn rapport ta' **Caroline Grech Bonnici**. Dan ir-rapport jelenka l-"concern" li l-imputat kellu ghal bintu (ara fol.21) Fl-istess manjiera x-xhieda ta' Caroline Grech Bonnici, *social worker* ma' Agenzija Appogg, tirrifletti il-fatt illi hija kellmet lil **minuri fis-26 ta' Gunju 2002 (ara Dok.CGB a fol.22) cioe hames (5) xhur wara li l-minuri inghatat lil Pulis u Camenzuli, li dejjem fil-prezenza ta' Pulis.**

Il-Qorti ma tistghax ma taghmilx accenn ghal fatt illi **partijiet relevantissimi** mill-informazzjoni li nghatat mill-minuri lil Psikologa Denise Borg u lil Caroline Grech Bonnici, **qatt ma gew imlissna mill-minuri quddiem il-Qorti – lanqas fl-ewwel testimonjanza,** hekk per ezempju, it-tifla qatt ma tkellmet fuq il-*films* pornografici u lanqas qatt ma spjegat l-allegazzjoni ta' abbuz sesswali permezz ta' tornavit (ara xhieda a fol.34 u 27)

Il-Qorti tghaddi biex tezamina x-xhieda ta' *foster carers.*

Apparti l-inkonsistenzi delineati mid-Difiza (a fol.15) tan-nota ta' osservazzjonijiet, inkonsistenzi, li kollha gew

notati minn din il-Qorti, l-istess Qorti ma tistghax ma taghmilx accenn ghal inkonsistenzi serji ohra: kemm Camenzuli, kif ukoll Pulis, infurmaw lil Qorti li l-minuri, kif giet tghix maghhom, **mill-ewwel integrat maghhom**. F'nifs iehor pero', Camenzuli jghid illi fl-ewwel perijodu din it-tifla kienet tqum bil-lejl tghajjat u twerzaq u kif jersaq Camenzuli, **kienet tghidlu "zul, zul, zul."** In oltre', Camenzuli (fol.59) jghid illi ghalkemm kellha il-kamra taghha, hu u Pulis kienu ddecidew li jraqduha bejnhom bil-lejl sabiex tidrahom. **Grace Pulis, pero' (a fol.203) tghid il-kuntrarju** u cioe' li t-tifla kienet tqeghedet f'kamritha u meta kienet tqum bil-lejl tghajjat u twerzaq u jmur Camenzuli, din il-minuri  kienet tibqa twerzaq u setghet tikkalmaha biss Pulis.

Apparti illi din ix-xhieda certament ma turix l-"integrazzjoni serena" li riedu jiprogettaw Camenzuli u Pulis, il-Qorti tippreciza illi l-kliem li uzat il-minuri, meta kienet tqum tghajjat bil-lejl, ma kienux dawk indikati minn Camenzuli izda l-kliem:

**"Ma rridx, ma rridx, ma rridx."**

Huwa ben maghruf illi meta *toddler* ikun qieghed ibati minn inkubi ripetuti, l-ewwel kliem ta' dawn it-tfal ikunu dejjem l-istess.

Din il-Qorti, fil-kaz in ezami, ma setghetx ma tkunx preokkupatissima bil-fatt stabbilit b'mod car li l-*foster parents* Camenzuli u Pulis kellhom interess li jeliminaw kull perikolu li bih it-tifla taghhom setghet tittehdilhom. Dan gie pienament korroborat miz-zija ta' l-imputat Guza Camilleri meta kkwotat il-kliem precizi ta' Pulis:

***"xeba jhabbatni, imma minn taht idejja ma jehodhieli hadd."*** (fol.314)

Ix-xhieda ta' Pulis u Camenzuli hija kontradetta minn diversi xhieda prodotti mid-Difiza fosthom Joanne Burns, Guza u Katie Camilleri u Anne Galea, **illi wkoll zammew lil minuri *Ommissis B* ghandhom ghal zmien konsiderevoli u qatt ma nnuttaw eghmil jew agir li**

**semmew il-*foster parents*. Di piu', il-familji Galea, li t-tfal taghhom kienu fdati ghal hinijiet konsiderevoli fuq medda ta' snin, qatt ma raw ghajn hazina mill-imputati, anzi ghal kuntrarju.** Referenza qed issir hawn ghax-xhieda ta' Christian Galea, Vanessa Galea, Pierre Galea, Norman Galea Frances Galea, Roderick Galea, Dorothy Vassallo, Francesca Vassallo, Joseph Vassallo Joanne Burns, Anne Galea u Kathleene Pullicino.

Il-Qorti ma tistghax ma taghmilx enfasi fuq ix-xhieda prodotta mid-difiza. Hawn non si tratta ta' xhud wiehed illi kellu kuntatt ma' l-imputat meta kien zghir, jew genitur wiehed illi afda lill-imputat bil-kura tat-tifel jew tifla tieghu. Il-Qorti giet rinfaccata b'numru konsiderevoli ta' xhieda, xhieda illi kienu, fil-fehema ta' din il-Qorti, persuni ta' certu integrita' u amor propju, li rabbew lil familja taghhom b'ghozza kbira li xehedu mhux biss li kienu jaraw lill-imputat jirrelata tajjeb ma' bintu, indikata fic-citazzjoni, izda li zammew lil din it-tifla ghandhom u ma nnotaw xejn hazin fl-agir u fl-eghmil ta' din it-tifla, kif, del resto, afdaw lil tfal taghhom stess ma' l-imputat ghal sighat konsiderevoli fuq medda ta' snin.

Illi din il-Qorti ssibha ferm difficli biex taccetta li abbus sesswali tal-gravita' ndikata minn *foster parents* u mill-minuri *Ommissis B* fl-ewwel testimonjanza, jiskoppja hesrem fl-imputat minghajr qatt ma jkun fecc fir-relazzjoni li kellu mad-**diversi** tfal li l-imputat kellu kuntatt ma' tul hajtu, nkluz t-tfal tieghu stess.

In oltre', l-Qorti kienet tistenna li f'pedofelu tal-kwalita' ndikata minn Pulis u Camenzuli, illi l-Pulizija, li wettqu t-tfittxija fir-residenza ta' l-imputat, **kienu jsibu u jezebixxu ammont konsiderevoli ta' *videos pornografici* tat-tfal** u jekk mhux ammont sostanzjali, almenu wiehed jew tnejn. Huwa fatt inkontestat illi **ebda wiehed** mill-*videos* elevati mir-residenza ta' l-imputat ma kien jikkoncerna *pornografija* ta' tfal.

Illi l-Qorti ma tistghax ma taghmilx accenn ghal fatt illi l-imputat, a tempo vergine, u f'kull stadju tal-procedura, pprotesta bil-qawwa, l-innocenza tieghu. Dan jidher car fl-

istqarrija tieghu Dok.LV u Dok.LV1. Illi, di piu', fit-testimonjanza tieghu, quddiem din il-Qorti, l-imputat wera sens qawwi ta' oltragg ghal dak li gara. Waqt li accetta l-inkapacita' tieghu li jindokra tifla ta' disa' (9) xhur bis-sieghat skabruzi tax-xoghol tieghu ta' *taxi driver* bil-lejl, l-imputat kien iddecieda li jaghti t-tifla tieghu ghal *fostering* u fehem illi l-kuntatt mat-tifla tieghu kien ser ikun assigurat.

Il-Qorti tifhem illi c-cerimonja tal-Maghmudija ta' *Ommissis B* kienet il-*clinch pin* li pprecipita' din it-tragedja u dan il-ghaliex il-minuri, kif rat lil missierha, irreagixxiet favorevolment lejh u lejn Joanne Burns u t-tifel taghha, Shaun. Din ir-reazzjoni giet ippreservata fir-ritratti, ezebiti mid-Difiza u accenn specjali ghandu jsir ghal ritratt Dok.JG12, **fejn il-minuri tidher rrabbjata, timbotta wicc Pulis 'l hemm, u Dok.JG13, fejn it-tifla tidher migbuda lejn minn kien jiehu r-ritratti u zijiet anzjani taghha.**

Din il-Qorti temmen illi r-reazzjoni tal-minuri f'din ic-cerimonja kkrejat sens ta' paniku kbir ghal *foster carers* taghha.

Illi ghal dawn il-motivi, in vista ta' l-inkonsistenzi gravi tax-xhieda tal-minuri, in vista ta' evidenza ta' "priming" fix-xhieda taghha, in vista tal-fatt li din il-Qorti tifhem illi l-minuri ta' *ommissis* (*ommissis*) snin ma taghrafx il-konsegwenzi tal-verita' o meno, in vista ta' l-inkonsistenzi tax-xhieda ta' Pulis u Camenzuli, in vista tas-sensiela ta' xhieda prodotti mid-Difiza illi juru li l-imputat kien afdat bi tfal zghar ghal diversi sieghat fil-gimgha u fuq medda twila ta' snin, fin-nuqqas ta' sejbien ta' *videos pornografici* ta' tfal, il-Qorti ta' tarax illi ghandha taghmel altru milli ssib lill-imputat mhux hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------